MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 221/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Adrian Busuttil**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Adrian Busuttil ta’ 25 sena, iben Carmel u Maria Antonia nee’ Mizzi, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Awwissu 1984 u residenti numru 1, ‘Charmante’, Triq il-Frawli, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0387184(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-22 ta' Frar 2010 ghal habta ta' 07 .40hrs fi Triq il-kanun f' Santa Venera, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qed issuq il-vettura Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni AAC664 involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Stephen Spiteri minn Santa Venera, skond kif iccertifikat Dr. Samantha Saliba (5197) MD ta' l-isptar Mater Dei.

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna hsarat involuntarji fuq il-motor cycle tal-ghamla Hyosung, bin-numru tar-registrazzjoni GBG913 ghad-dannu ta' l-istess Stephen Spiteri minn Santa Venera.

F'kas ta' htija, il-prosekuzzjoni titlob li l-istess Adrian Busuttil jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Gunju 2010 (esebita a fol. 41 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 226(1)(a)(b) u 328 (b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Fl-artikoli 15 (1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza;

Il-Prosekuzzzjoni irrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali ;

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz odjern jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-22 ta' Frar 2010 ghall-habta tas-7.40am fi Triq il-Kanun, Santa Venera bejn il-vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni AAC 664 misjuqa mill-imputat u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni GBG 913 misjuq minn Stephen Spiteri fejn dan tal-ahhar spicca sofra griehi ta' natura gravi per durata kif iccertifikat minn Dr. Samantha Saliba (certifikat mediku relattiv inserit a fol. 3 tal-process).

Mill-provi u senjatament mix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz PS 601 Justin Spiteri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 11 sa 14) u mix-xhieda ta' Pierre Vella (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 38 u 39 tal-atti processwali) rrizulta li kemm l-imputat kif ukoll Pierre Vella kienu weqfin fuq *Stop Sign* fi triq laterali, Triq Pietru Dacoutros, precizament fejn hemm il-Bank of Valletta ta' Fleur De Lys qed jistennew sabiex johorgu ghal fuq il-main road, u cioe' Canon Road, sabiex jipprocedu lejn ir-*roundabou*t. Irrizulta wkoll li dak il-hin fuq il-main road kien hemm traffiku intens bhal ma jkun hemm f'dak il-hin tal-gurnata u li kien hemm vettura fil-flow of traffic qed jipprocedi lejn ir-roundabout li waqfet sabiex thalli l-vettura misjuqa mill-imputat u dik ta' Pierre Vella li kienet wara l-vettura tal-imputat johorgu ghal fuq il-main road. Malli l-imputat beda' hiereg ghal fuq il-main road hareg il-mutur misjuq minn Stephen Spiteri, minn ma gemb il-vettura wieqfa li kienet cediet lill-imputat u sehh l-impatt bejn il-vettura tal-imputat u l-mutur ta' Spiteri. Spiteri meta xehed f''dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010 ammetta in kontro-ezami li fil-mument tal-impatt il-mutur tieghu kien fuq il-first gear.

Ikkunsidrat:

Illi diin il-Qorti jidrilha li mill-provi jirrizulta pjuttost evidenti li l-impatt sehh bejn vettura li kienet hierga minn triq laterali ghal fuq main road u dan wara li l-vettura li kienet qed tipprocedi fuq il-main road ceditilha, u mutur li kien qed jissorpassa l-vettura li kienet fuq il-main road. Ghalkemm is-sewwieq tal-mutur ma qalx car u tond li huwa fil-fatt kien qed jeffetwa manuvra ta' sorpass izda

jghid li kien qed jiprocedi magemb il-vetturi li kienu mexjin lejn ir-roundabout, jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li huwa fil-fatt kien qed jeffetwa manuvra ta' sorpass ghaliex il-mutur tieghu kien fuq il-first gear u fi kwalunkwe kaz fit-triq in kwistjoni hemm biss kareggjata wahda ghal vetturi qed jipprocedu lejn ir-roundabout. Il-Qorti jidrilha li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li kien hemm xi traskuragni jew xi nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat ghaliex qabel ma huwa beda' hiereg ghal fuq it-triq principali huwa waqaf fuq l-Istop Sign sabiex jesplora t-triq, kif ikkonferma ix-xhud okulari u ndipendenti Pierre Vella, u kien biss meta il-vettura fuq il-main road ceditlu sabiex johrog li huwa fil-fatt beda' hiereg ghal fuq il-main road. Fil-fehma tal-Qorti il-ksur ta-regolamenti tat-traffiku fil-fatt sar mis-sewwieq tal-mutur Stephen Spiteri li ttenta jaghmel manuvra ta' surpass minghajr ma ta kaz x'kienet ser taghmel il-vettura li kien qed jissorpassa u aghar min hekk huwa effetwa manuvra ta' sorpass *at a junction*. Huwa principju ben stabbilit li manuvra ta' sorpass hija manuvra li wiehed irid jezercita b'kawtela kbira u li wiehed ma ghandu qatt jeffetwa manuvra ta' sorpass *at a junction* kif fil-fatt ghamel is-sewwieq tal-mutur.

In vista tal-fatt li l-Qorti ma rriskontrat ebda traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat huwa ma jistghax jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------